# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Erbgha 16 ta' Ottubru, 2019

**Numru 1**

**Rikors Numru 198/19/1 TA**

**George Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Generali, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' u b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 2019 gew ammessi jintervjenu fil-kawza l-Avukat Peter Caruana Galizia u Matthew, Andrew u Paul ahwa Caruana Galizia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' George Degiorgio tal-14 ta' Ottubru 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

> "Illi nhar id-9 ta' Ottubru, 2019 huwa ipprezenta rikors kostituzzjonali dwar lezjoni ta' l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana, in succint, dwar allegati intercettazzjonijiet telefonici illi huma illegali u dwar il-ligi nnifisha illi tirregola kif suppost isiru intercettazzjoni telefonici;
>
> Illi mill-provi migbura matul il-kumpilazzjoni tax-xhieda jirrizulta illi kieku ma kenux ghal tali allegati intercettazzjonijiet telefonici, l-esponenti (u l-ko-akkuzati) ma kenux jigu arrestati u jitressqu;

Illi l-esponenti ghadu kemm gie notifikat illi l-Qorti Kriminali appuntat l-ewwel seduta ghas-smiegh ta' l-eccezzjonijiet preliminari tieghu (u tal-ko-akkuzati) ghal nhar il-31 ta' Ottubru, 2019;

Illi l-esponenti huwa tal-fehma illi tenut kont tal-portata ta' dina l-kawza kostituzzjonali illi l-ezitu taghha jimpingi fuq l-arrest u t-tahrik tieghu (u tal-ko-akkuzati) u l-mod illegali kif saret l-investigazzjoni u l-allegati intercettazzjonijiet telefonii, ma hemmx lok illi jibda s-smiegh quddiem il-Qorti Kriminali qabel ma jkun hemm ezitu definittiv f'dina l-kawza;

Illi huwa evidenti illi l-ezitu ta' dina l-kawza jimpingi fuq l-ezitu tal-proceduri kriminali fil-konfront ta' l-esponenti;

Ghal dawn ir-ragunijiet l-espoenti umilment jitlob illi dina l-Qonorabbli Qorti joghgobha taghti provvediment *interim* fis-sens illi l-proceduri fil-konfront tieghu permezz ta' l-att ta' l-akkuzat bin-numru 7/2019 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. George Degiorgio et" quddiem il-Qorti Kriminali jigu sospizi b'effett immedjat sakemm ikun hemm ezitu definittv f'dina l-kawza u dana taht dak il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni."

Rat id-Digriet taghha tal-14 ta' Otubru 2019;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali, tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' li permezz taghha wiegbu s-segwenti:

"Illi dina r-Risposta qieghda tigi pprezentata ai termini tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Ottubru 2019 bi twegiba ghar-rikors intavolat mir-rikorrenti fl-14 ta' Ottubru 2019 fejn dina l-Onorabbli Qorti qieghda tintalab sabiex "*jghogobha taghti provvediment interim fis-sens illi l-proceduri fil-konfront tieghu permezz ta' l-att ta' l-akkuza bin-numru 7/2019 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta v. George Degiorgio et' quddiem il-Qorti Kriminali jigu sospizi b'effett immedjat sakemm ikun hem ezitu definittiv f'dina l-kawza u dana taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni".*

L-esponenti qed jopponu ghat-talba kif dedotta fir-rikors in risposta ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi bhala principju ta' dritt l-ghoti ta' rimedju provvizorju hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola u dan stante li l-ghoti ta' rimedju provvizorju ma tinghatax b'mod awtomatiku izda trid tigi kunsidrata tenut kont tal-artikoli partikolari li minnhom ikun qed jillanja l-individwu u dan peress li l-ghoti ta' tali mizuri huwa ezercizzju

eccezzjonali u straordinarju. Kemm il-Qrati nostrani kif ukoll il-Qorti Ewropeja jinterpretaw kwistjonijiet ta' interm measures b'mod ristrett ghall-ahhar u jikkoncedu tali mizuri biss f'cirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u ta' trattament inuman u degradanti izda tali allegazzjonijiet huma cirkoskritti ghall-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni. Issir riferenza ghall-provvediment moghti fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Caruana vs L-Avukat Generali** deciza fit-23 ta' April 2003 fejn gie osservat illi "*interim relief jinghata meta 'there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm' u generalment jinghata f'kazijiet fejn hem 'an alleged risk to life or ill treatment' fosthom kazijiet ta' deportazzjoni u espulsoni ghal stati fejn ir-riskju ghall-hajja huma kbar hafna. 'Matters of detention, interference with property rights' m'humiex fost il-kazijiet fejn jinghata interim relief'.*

2. Illi fil-pubblikazzjoni fl-ismijiet **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (Raba' Edizzjoni) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak jghallmu illi "*… it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination … such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be required until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of article 3 is likely to occur. This requires that evidence showing the danger to life or limb to which he may be subjected if expelled or information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government".*

L-esponenti jaghmlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Frank Paul Spiteri vs L-Avukat Generali** deciza fid-9 ta' Jannar 2017 fejn gie osservat illi "*Fl-ewwel lok jigi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjha interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "<u>urgenza esterma</u>" fejn in nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti tjkun jehtigilha taghmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri ad interim huma indikati f'kazijiet eccezzjonali [Q. Kost. **Federation of Estate Agents v. Direttur Generali Kompetizzjoni**, deciza 25 ta' Settembru 2014]".*

L-esponenti jaghmlu riferenza wkoll ghall-provvediment moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Degiorgio vs L-Avukat Generali et** (rikors kostituzzjonali numru 57/2018/1) tat-22 ta' Mejju 2018 fejn gie osservat illi "*Il-Qorti qieset il-fattispecie tal-proceduri li ghandha quddiemha fid-dawl tas-succitat insenjament, li minnu johorgu iz-zewg rekwiziti essenzjali sabiex din il-Qorti tghaddi biex taghti rimedji ad interim kif mitlub, u cioe' l-ksur prima facie u l-hsara irrimedjabbli".* Din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta kompliet tosserva illi "*Ghalhekk il-Qorti qeghda tqis li f'dan l-istadju u mad-daqqa t'ghajn, ma jidhirx li r-rikorrenti ghandu ragun f'dak li qieghed isostni. Il-Qorti tenfasizza li ma hija bl-ebda mod tghaddi gudizzju finali dwar l-allegazzjonijiet stante li tqis li dan jesigi essenzjalment skrutinju ferm aktar intensiv minn dak li jippermettu dawn il-proceduri. Stabbilita din il-mankanza ta' dritt prima facie, u tenut kont tal-htiega ta' sodisfazzjoni taz-zewg rekwiziti li ghalihom il-Qorti rreferiet aktar 'il fuq, il-Qorti tista' tieqaf hawn. Madankollu, tqis li jkun ghaqli li tghaddi biex tikkonsidra l-pregudizzju li jista' jsofri r-rikorrenti kemm-il darba din il-Qorti ma tilqax it-talbiet tieghu u jghaddu biex jixhdu l-ufficcjali tal-F.B.I. fil-kumpilazzjoni. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest tal-htiega konsistentement rikjesta mill-gurisprudenza li r-riskju jinhtieg li jintwera ghandu jkun riskju reali u tangibbli. Issa din il-Qorti taghraf li l-istadju tal-proceduri fil-konfront tar-rikorrent ghadu bikri, ir-rikorrenti jkollu kull jedd li, permezz tal-eccezzjonijiet tieghu imressqa skond il-ligi fl-istadju opportun li jikkontesta l-ammissibilita' ta' kull prova li tingieb kontrih".*

Illi ghalhekk fuq l-iskorta tal-insenjament tal-gurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fuq ir-rikorrenti li juri li (a) ghandu dritt *prima facie* li nkiser; u (b) hsara irrimedjabbli f'kaz li ma tinharigx il-mizura provvizorja. Illi dawn iz-zewg rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li ghandhom jigu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrenti tigi milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti.

3. Illi wara li nghatat harsa ghall-principji stabbiliti fil-kuntest tal-ghoti ta' mizuri provvizorji, l-esponenti jissottomettu illi l-Qorti Ewropea ghandha l-poter li taghti mizuri provvizorji abbazi tal-Artikolu 39 tar-*Rules of Court* izda mhux tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi la fil-Kostituzzjoni ta' Malta, la fil-Kap. 319, la fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u lanqas fil-*Good Practice and Procedure and Good Order Rules* (SL 12.09) ma nsibu s-setgha li Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali tista' taghti tali mizuri provvizzorji. Illi huwa minnu li l-Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ghandha s-setgha taghti kull ordni u taghti direzzjonijiet li jidhrilha li ghandha taghti izda dan huwa marbut u cirkoskritt mas-sejbien ta' vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali u cioe' tali ordnijiet jinhargu mas-sejbien ta' vjolazzjoni izda certament li mhux qabel tali sejbien jew jinhargu ordnijiet provvizzorji. Illi l-fatt li l-Istat huwa firmatarju tal-Konvenzjoni Ewropea ma jfissirx li r-*Rules of Court* tal-Qorti Ewropeja jorbtu l-Qrati nostrani izda l-Qrati

nostrana in kwantu l-procedura adottata minnhom huma marbuta fir-regoli li l-legislatur Malti stabilixxa f'dan ir-rigward. Illi fl-ebda regola applikabbli ghall-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ma nsibu tali poter sabiex tohrog l-mizura provvizorja kif mitluba. Dan qieghed jinghad stante li r-rikorrenti qieghed jiccita minn kazistika tal-Qorti Ewropeja dwar l-ghoti ta' mizuri provvizorji.

4. Illi fir-rikors in risposta, ir-rikorrenti jfisser d-dritt *prima facie* tieghu bl-aktar mod vag filwaqt li jirrileva li l-mizura provvizorja qieghdha tintalab f'kuntest ta' kawza kostituzzjonali li huwa istitwixxa fejn qieghed jallega ksur tal-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja allegatament naxxenti minn intercettazzjonijiet telefonici li huma illegali u dwar ligi li tirregola kif suppost isiru intercettazzjonijiet telefonici. L-esponenti jibdew biex jissottomettu li fil-kumpilazzjoni ma gew esebiti l-ebda intercettazzjonijiet telefonici u li ghalhekk li certament li ma hemm l-ebda dubju li tali intercettazzjonijiet mhumiex sejrin jiffurmaw parti mill-inkartament li sejjer jigi prodott waqt is-smigh tal-guri tar-rikorrenti.

Illi jekk xi xhud tal-Prosekuzzjoni ghamel riferenza ghal xi dokument li ma kienx esebit waqt il-kumpilazzjoni dik il-parti tax-xhieda tkun tista' tigi attakkata abbazi tal-ligi proceduràli penali in kwantu ghall-ammissibilita' taghha liema dibattitu jsir fl-istadju tas-smigh tal-eccezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali. Illi dan ifisser ghalhekk li dina l-kwistjoni qatt ma tista' tifforma bazi ghall-hrug ta' mizura provvizorja izda hija kwistjoni purament ta' ammissibilita' ta' xhieda u ta' dokumenti li ghandha tigi dibattuta quddiem il-forum appozitu u cioe' quddiem il-Qorti Kriminali.
Illi huwa l-fatt fih innifsu li ma gewx esebiti l-ebda intercettazzjonijiet telefonici li jgib fix-xejn kompletament l-argument tar-rikorrenti: kif jista' individwu jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu naxxenti minn intercettazzjonijiet telefonici meta tali intercettazzjonijiet telefonici ma gewx esebiti u ma jiffurmawx parti mill-process kriminali bil-konsegwenza li dawn l-intercettazzjonijiet telefonici ma jikkostitwux prova fil-process kontra r-rikorrenti?

Illi r-rikorrenti jallega wkoll illi "*mill-provi migbura matul il-kumpilazzjoni tax-xhieda jirrizulta illi kieku ma kenux ghal tali allegati intercettazzjonijiet telefonici, l-esponenti (u l-ko-akkuzati) ma kienux jigu arrestati u jitressqu*". L-esponenti jissottomettu li dak allegat mir-rikorrenti ma jistabx sorrett minn dak li jirrizulta mill-inkartament li jikkostitwixxi l-process tal-kumpilazzjoni. Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta li s-suspett fuq ir-rikorrenti ma tnissilx mill-intercettazzjonijiet telefonici izda kien il-frott ta' investigazzjoni metikoluza li wettqet il-Pulizija fejn sabet diversi (inkluz provi forensici u data digitali miksuba minghand is-service providers Maltin) provi li ppuntaw subghajhom lejn l-involviment tar-rikorrenti fit-twettiq tar-reat li jinstab akkuzat bih.

Illi l-assjem ta' dan kollu juri bic-car li ma jezisti l-ebda *prima facie* dritt spettanti lir-rikorrenti li jistgha jinvoka bil-konsegwenza li dan ir-rekwizit ma jinstabx sodisfatt.

5. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni rekwizit u cioe' tal-hsara irrimedjabbli, ir-rikorrenti jibqa' sieket dwar dana r-rekwizit. F'dan ir-rigward, l-esponenti jaghmel riferenza ghall-provvediment mitlub f'kawza kostituzzjonali fejn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Degiorgio vs Avukat Generali** (rikors kostituzzjonali numru 52/2018LSO) tal-21 ta' Mejju 2018 gie osservat illi "*Talba bhal dik odjerna m'ghandhiex tintlaqa' hlief fuq il-principji fuq enuncjati. Hekk jitlob is-serjeta' tal-process gudizzjarju u certament din il-Qorti mhix ser tghaddi biex intralcja jew ixxekkel il-prosegwiment seren tal-inkjesta magisterjali ad interim jekk ma jezistux l-estremi rikjesti. Anke jekk semmai t-talba mhix ser twassal ghas-sospensjoni ta' dawk il-proceduri, id-data elettronika u cellulari gew migbura fuq ordni tal-Magistrat Inkwerenti fit-twettiq tar-responsabbilitajiet tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar il-Magistrat Inkwirenti ghandu responsabbilita' skont il-ligi li jmexxi l-inkjesta u jigbor u jippreserva l-provi. Dan il-process m'ghandux jigi intralcjat fuq semplici fumus ta' ksur ipotetiku. Il-Konvenzjoni Ewropea mhix ghodda ghall-abbuz tal-process gudizzjarju. Ghalhekk jenhtieg li jigi ppruvat riskju reali u imminenti ta' danni serji u irreparabbli. Jekk dan ir-riskju jezisti, l-Qorti tagixxi biex tipprevjeni".* Illi fir-Rikors in risposta, ir-rikrorenti ma jfissirx x'inhuwa r-riskju rejali li fuqu jibbaza t-talba tieghu izda jghid biss li l-mizura provvizorja mitluba minnhu ghandha tinhareg pendenti s-smigh tal-kawza kostituzzjonali. L-esponenti jissottomettu li kif qalet dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-bran sucitat, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova li jezisti riskju rejali u imminenti ta' danni serji u irreparabbli u mhux semplici *fumus*. Madanakollu wiehed isaqsi x'riskju rejali jezisti meta dak li qieghed jilmenta minnu r-rikorrenti lanqas biss jifforma parti mill-inkartament fil-process kriminali u li fi kwalunkwe kaz jekk xhud irrefera ghal xi intercettazzjoni telefonika li mhux esebita dina tista' tigi kkontestata quddiem il-Qorti Kriminali fl-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari abbazi tal-ammissibilita' taghha?

Illi gialadarba kienu r-rikorrenti stess li lanqas milli juri li jezisti r-riskju reali u immimenti ta' danni serji u irreparabbli jsegwi li lanqas dan ir-rekwizit ma gie sodisfatt.

6. Illi fl-ahharnett, l-esponenti jaghmlu riferenza ghal zewg decizjonijiet fejn ukoll kien intalab li jinghata rimedju provvizorju sabiex guri ma jinstemax sakemm tinqata' l-kawza kostituzzjonali fejn fiz-zewg kawzi l-persuna akkuzata kienet ilmentat minn ksur tad-drittijiet fundamentali taghha u fejn fiz-zewg kawzi giet michuda tali talba: **Joseph Camilleri vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti

Kostituzzjonali fl-1 ta' Lulju 2013 u **Rosario Sultana vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-27 ta' Frar 2017.

7. Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, fil-kaz odjern ma hemmx cirkostanzi li jimmilitaw favur il-hrug ta' mizuri provvizorji ghaliex la gie muri li hemm vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali mad-daqqa t'ghajn u lanqas ma ntweriet il-hsara irrimedjabbli.

Illi jsegwi ghalhekk li t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors in risposta ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat r-rikors ta' l-Avukat Peter Caruana Galizia u ta' Matthew, Andrew u Paul ahwa Caruana Galizia;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Ottubru, 2016 fejn l-imsemmija ahwa Caruana Galizia gew ammessi jintervjenu;

Rat l-atti kollha ta' din il-procedura;

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors odjern;

Rat li r-rikors thalla ghall-provvediment ghal-lum stess.

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz tar-rikors fuq imsemmi r-rikorrent qieghed jitlob li jinghata provvediment *ad interim* fis-sens li l-proceduri fil-konfront tieghu permezz tal-att ta' akkuza bin-numru 7/2019 fl-ismijiet "Ir-Repubbika ta' Malta -vs- George Degiorgio et" quddiem il-Qorti Kriminali jigu sospizi b'effett immedjat sakemm ikun hemm esitu definittiv fil-kawza Kostituzzjonali numru 198/2019.

Fil-qosor jista' jinghad li dak ir-rikors Kostituzzjonali jirrigwarda zewg ilmenti. L-ewwel wiehed il-mod ta' kif ittiehdu u s-siwi taghhom bhala prova u cioe` tal-intercettazzjonijiet telefonici u t-tieni wahda, li l-ligi fiha nnifisha li tippermetti tali intercettazzjonijiet u cioe` l-Kap 391 tal-Ligijiet ta' Malta, tilledi d-drittijiet tar-rikorrent kif spjegat fir-rikors Kostituzzjonali.

Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'diversi okkazjonijiet spjegat x'inhuma l-ingredjenti guridici biex tintlaqa' talba bhal din. Fil-parti l-kbira tal-kazi, talba bhal din tintalab minhabba possibilita' ta' tkeccija minn pajjiz jew estradizzjoni. Gie ukoll ribadit, li l-Qorti takkorda dan ir-rimedju fuq bazi eccezzjonali b'mod, li jekk din it-talba ma tintlaqax, il-persuna tkun ser tigi rinfaccjata b'riskju serju ta' perikolu b'konsegwenza ta' dannu irreversibbli. (***Ilaşcu and Others v. the Republic of Moldova and Russia***, ***Rodić and Others v. Bosnia and Herzegovina***).

Di piu' intqal li "*As a general practice, measures are applied only where there is an apparent real and imminent risk or irreparable harm to life and limb (cases under arts 2 or 3) – as stated in the Practice Direction on Requests for Interim Measures, 'a real risk of serious, irreversible harm'*". (**Karen Reid, A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights, pg 19**).

Din il-Qorti ser tkun qed tiddeciedi dan ir-rikors fid-dawl ta' dan it-taghlim. Ser tkun qed tindirizza z-zewg ilmenti fis-segwenza fuq imsemmija.

*Il-mod kif ittiehdu u l-kwalita' tal-prova tal-intercettazzjonijiet telefonici:*

Din il-Qorti tibda bil-premura li a` skanz ta' kull ekwivoku legali, wiehed irid jaghmel distinzjoni netta bejn, il-kwistjoni tal-esistenza tal-elementi necessarji ghall-ottiment ta' *ordni ad interim*, mill-kwistjoni sostantiva tal-elementi rikjesti f'artiklu 46 tal-Kostituzzjoni ghall-iskopijiet ta' ezercizzju tal-azzjoni kostituzzjonali. Din tal-ahhar hija materja li ghad trid tigi kkunsidrata fil-kawza Kostituzzjonali propja.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aspett. Il-Qorti trid toqghod b'sebgha ghajnejn, li fil-konsiderazzjonijiet tar-rikors odejrn, ma taqbizx il-limiti ta' dak li ghandu jigi kkunsidrat, sabiex tevita li taghmel riflessjonijiet fuq il-mertu tar-rikors Kostituzzjonali. Dak li qieghed jitlob ir-rikorrent f'dawn il-proceduri huwa, li sakemm ma jkunx hemm decizjoni fuq dan il-punt minn din il-Qorti, il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ghandhom jieqfu anke f'dan ir-rigward.

Ai fini ta' dawn il-proceduri, jrid jigi pprovat li jesisti riskju serju ta' perikolu jekk it-talba tar-rikorrent ma tintlaqax. Il-fatt li dan il-punt tqanqal bhala eccezzjoni fil-proceduri kriminali, jinnewtralizza l-element ta' riskju serju ta' perikolu. Anzi, dan ifisser, li dwar dan il-punt partikulari, ser ikollu smiegh minn Qorti li hija imparzjali u indipendenti.

Kuntrarjament ghal dak li qieghed jilmenta minnu r-rikorrent, il-proceduri li qieghed jipprova jwaqqaf, huma l-istess proceduri li qed jiggarantulu li ser

ikollu smiegh f'dan ir-rigward. Ir-rikorrent ma jistax ipotetikament jeskludi x'ezitu decizjonali ser ikun hemm inkwantu jirrigwarda dan l-ilment partikulari quddiem il-Qorti Kriminali u dan indipendentement mill-fatt li fuq pjan sostantiv dan il-punt xorta ser ikun ikkunsidrat fil-kawza kostituzzjonali.

Fil-kaz **Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et (PA (Kost) – per Imh. J.R. Micallef - 2 ta' Gunju 2014)** intqal hekk:

"*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieg.*"

Konsegwentment, galadarba ma jesistix dan l-element inkwantu jirrigwarda dan l-ilment partikulari, ma jistax jinghad li ser ikun hemm konsegwenzi rreversibbli. Tenut kont ukoll li mid-decizjoni li tista' taghti

dik il-Qorti fuq dan il-punt jesisti ukoll d-dritt ta' appell u dan fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 499 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Il-Kap 391 jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

Il-Qorti tibda biex taghmel din l-osservazzjoni. Dan l-ilment ma jiddependix fuq l-ilment l-iehor biex jirnexxi. Il-pretensjoni, li l-Kap 391 tal-Ligijiet ta' Malta, jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif spjegati fir-rikors Kostituzzjonali tieghu, huwa ilment li seta' tqanqal anke fi zmien bikri tal-kumpilazzjoni. Ir-Rikorrent ghar-ragunijiet li jafhom hu, hass li ghandu jaghmel dan l-ilment meta kien inhareg Att ta' akkuza u imminenti li jinbdew il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

Il-Qorti qed taghmel dawn l-osservazzjonijiet minghajr ebda riflessjoni fuq il-fondatezza o' meno ta' dan il-ilment minn aspett sostantiv kostituzzjonalment. Jibqa' dejjem dritt tar-Rikorrent li jaghmel dan ix-xorta ta' ilment meta jidhirlu, aktar l-aktar meta azzjoni bhal din hija impreskrivibbli fil-ligi. Li qed tosserva l-Qorti huwa biss **meta** hass li ghandu jressaq dan l-ilment, ghaliex minhabba f'hekk issa qieghed jitlob li jinghata ordni ad interim biex jieqfu l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

Din il-Qorti temmen, li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, azzjoni ta' din ix-xorta ghandha tigi ezercitata fil-mument idoneju biex tigi evitata l-konsegwenza li ggib fix-xejn l-ingranagg ta' proceduri ohrajn meta dan seta' jkun evitat

b'mod tempestiv. Il-proceduri li hemm pendenti issa, wara li hareg l-att ta' akkuza, kienu prevedibbli minn zmien ilu. Dan qieghed jinghad biss u limitatament ai fini tat-talbiet li ghandha quddiemha din il-Qorti f'dawn il-proceduri, ghax ghall-bqija l-pretensjonijiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward ghad iridu jkunu ezaminati fis-sustanza taghhom fil-kawza Kostituzzjonali imsemmija.

Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensur tar-rikorrent spjega, li dan l-ilment ma sarx qabel, sabiex jevita multiplicita` ta' kawzi, peress li kien hemm l-ilment l-iehor dwar il-mod kif saru l-intercettazzjonijiet telefonici. Ghalhekk kien jehtieg li tispicca l-kumpilazzjoni biex jitressaq dan l-ilment. Minn naha l-ohra l-Qorti tqis, li li kieku dan l-ilment sar fi stadju aktar bikri tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent, f'kaz ta' gudizzju favorevoli, anke l-ilment l-iehor kien ikun assorbit f'dak il-gudizzju. Aktar minn hekk, meta r-rikorrent jinghata smiegh quddiem il-Qorti Kriminali fuq l-eccezzjoni fuq imsemmija f'kaz li jinghata ragun, allura anke dan l-ilment jigi risolt, jekk mhux fir-rigward ta' dawn il-proceduri, zgur sa fejn jintlaqtu l-interessi tieghu fil-proceduri kriminali li bir-rikors odjern qieghed jittenta jwaqqaf.

Fl-ahhar nett, hemm punt iehor f'dawn il-proceduri li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jinghata piz xieraq. Ir-rikors inkwistjoni qieghed isir minn wiehed minn tlett ko-akkuzati fil-proceduri Kriminali. It-tnejn l-ohra ma hassewx il-htiega li jaghmlu rikors simili. Il-fehma ta' din il-Qorti talba simili teffettwa ukoll l-interessi taz-zewg ko-imputati l-ohra. In mankanza

ta’ rikors simili da parti taghhom, il-Qorti ma tistax tipprezumi li huma ukoll jridu li l-proceduri kriminali jieqfu bil-mod li qieghed jitlob ir-rikorrent bir-rikors odjern. Ghalhekk fil-konsiderazzjonijiet taghha din il-Qorti ma setghetx ma tqisx l-interessi taz-zewg ko-imputati l-ohra.

Fid-dawl ta’ dan kollu ma jirrisultax li r-rikorrent ghandu xi dritt prima facie sabiex it-talbiet tieghu fir-rikors tal-14 ta’ Ottubru 2019 jintlaqghu.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qeghdha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif mitluba fir-rikors tieghu tal-14 ta’ Ottubru 2019.

Spejjez ta’ dan l-episodju a` karigu tar-rikorrent.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**